**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 22**

**Rikors Maħluf Numru 834/2021 NC**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs.**

**K & L Attard Company Limited; Doris Attard; Keith Attard; u Doris Attard u Keith Attard bħala eredi tal-mejjet Carmelo Attard**

Illum l-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Bank of Valletta p.l.c. ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2021 li jgħid hekk:

> *"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius datati 1 ta' Ġunju 2007 (Dok. "A" u "B") u f'żewġ skritturi privati datati 14 ta' Diċembru 2006 (Dok. "Ċ" u "D"), is-soċjeta' attriċi*

*ikkonċediet faċilitajiet bankarji lis-soċjeta' K & L Attard Company Limited.*

*2. Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-intimata soċjeta' K & L Attard Company Limited fis-somma ta' seba' mija u wieħed u ħamsin elf, seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€751,795.14) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' K & L Attard Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2" u Dok. "F1 sa F3") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Lulju 2021 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius datati 1 ta' Ġunju 2007 (Dok. "A" u "B") u f'skrittura privata datata 14 ta' Diċembru 2006 (Dok. "Ċ"), il-konvenuta Doris Attard iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' K & L Attard Company Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess K & L Attard Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

*4. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius datati 1 ta' Ġunju 2007 (Dok. "A" u "B") u f'skrittura privata datata 14 ta' Diċembru 2006 (Dok. "D"), il-konvenut Keith Attard iggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' K & L Attard Company Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess K & L Attard Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

*5. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius datati 1 ta' Ġunju 2007 (Dok. "A" u "B") u f'skrittura privata datata 14 ta' Diċembru 2006 (Dok. "Ċ"), il-konvenuti Doris Attard u Keith Attard bħala eredi tal-mejjet Carmelo Attard iggarantew flimkien u "in solidum" ma' K & L Attard Company Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess K & L Attard Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

*6. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B", "Ċ". u "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:*

*(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopra indikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.*

*7. Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*8. Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 1 ta' April 2016 li kopja tagħhom qed tigi hawn eżibita u mmarkata Dok. "Ġ",, Dok. "Ħ" u Dok. "I", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu il-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attrici li qegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", "B", "Ċ" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopra indikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi, u*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' seba' mija u wieħed u ħamsin elf, seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€751,795.14) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' K & L Attard Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2" u Dok. "F1 sa F3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-20 ta' Lulju 2021 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali datati 1 ta' April 2016 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

*Di piu', in vista tal-Ordni tal-Iffrizar maħruġa kontra K & L Attard Company Limited, Carmelo Attard u Keith Attard, is-soċjeta' attriċi tinfurmakom li l-pagamenti mitluba mill-intimati jistgħu jiġu aċċettati mill-Bank biss wara li K & L Attard Company Limited, l-eredi tal-mejjet Carmelo Attard, u Keith Attard, jottjenu d-debita awtorizazzjoni mill-Qorti kompetenti."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 70) tas-26 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021, f'liema digriet il-konvenuti ġew mogħtija għoxrin (20) jum żmien min-notifika tar-Rikors Maħluf biex iressqu r-Risposta Maħlufa tagħhom.

Rat illi minkejja li l-konvenuti Doris Attard u Keith Attard ġew notifikati b'dawn il-proċeduri fis-7 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 72 *tergo*) u fit-18 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 72 *tergo*) rispettivament huma baqgħu ma ressqu l-ebda Risposta Maħlufa tant illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 74), il-Qorti ddikjarat li kienu jinsabu fi stat ta' kontumaċja.

Rat illi minkejja li l-konvenuti Doris Attard u Keith Attard (it-tnejn bħala eredi tal-mejjet Carmelo Attard) ġew notifikati b'dawn il-

proċeduri fis-6 ta' Diċembru 2021 (*a fol.* 86 *tergo*) huma baqgħu ma ressqu l-ebda Risposta Maħlufa tant illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2022 (*a fol.* 89), il-Qorti ddikjarat li kienu jinsabu fi stat ta' kontumaċja.

Rat illi fl-1 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 95) il-konvenuta Doris Attard ppreżentat Nota fejn ammettiet it-talbiet hekk kif dedotti fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta K & L Attard Company Limited ġiet notifikata b'dawn il-proċeduri bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni hija baqgħet ma ressqet l-ebda Risposta Maħlufa tant illi, fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, il-Qorti ddikjarat li kienet tinsaba fi stat ta' kontumaċja.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, id-depożizzjoni ta' Dorianne Tanti in rappreżentanza tal-bank attur.

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2022, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza li kellha tingħata dakinhar u minkejja li tat żmien lill-konvenuti sa nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2022 sabiex jippreżentaw Nota ta' Sottomissjonijiet *ai termini* ta' Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kellhom jiġu notifikati lis-soċjeta' attriċi, il-konvenuti baqgħu ma ppreżentaw l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

Semgħet, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022, lill-konsulent legali tas-soċjeta' attriċi jinforma lill-Qorti li l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>Konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-konvenuta Doris Attard</u>:**
Illi, kif ingħad hawn fuq, fl-1 ta' Marzu 2022 ġiet ippreżentata Nota ta' Ammissjoni (*a fol.* 95) tal-konvenuta Doris Attard fejn ammettiet t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Illi Artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-Qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".

Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs. Direttur tas-Sigurta' Soċjali** (Numru 17/2010) deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara **Carmelo Bonnici nomine vs. Ronald Farrugia et**, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li ngħad f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grima vs. Alfred Attard et** (Numru 3/2013), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-appellata għandha raġun, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fuq ammissjoni u mhux tiddikjara l-mertu eżawrit."

Illi ladarba fil-każ odjern il-Qorti għandha Nota ta' Ammissjoni ppreżentata mill-konvenuta Doris Attard, permezz ta' liema Nota ddikjarat li kienet qed tammetti t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, b'hekk la hemm qbil minn naħa tal-konvenuta Doris Attard fir-rigward ta' dak mitlub u dedott mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-istess soċjeta' attriċi fejn jirrigwarda lilha (lil Doris Attard). Di fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Justin Micallef Grimaud** (Numru 688/2021) meta qalet hekk:

> "Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti

> tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess."

**Ikkunsidrat**

**<u>Konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-konvenuti l-oħra</u>:**
Illi qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha u dana fir-rigward tal-konvenuti l-oħra li baqgħu kontumaċi u baqgħu ma ppreżentaw l-ebda att, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et** (Numru 273/2003/1) deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005 fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[1] qalet hekk:

> "Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. *Vide* Kollez. Vol. XXIX P III p 35".

Illi dan ifisser li l-fatt li l-konvenuti li baqgħu ma weġbux jinsabu fi stat ta' kontumacja ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' attriċi fejn jirrigwarda lilhom. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabilita' illi tindaga t-talbiet tas-soċjeta' attriċi humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenuti in kwistjoni naqsu milli jirrispondu għat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf wara li huma ġew debitament notifikati skont il-liġi.

Illi riferenza ssir għal dak li jipprovdi Artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

[1] Appell Ċivili Numru 273/2003/1.

"Jekk il-konvenut jew l-avukat tiegħu, jew, fil-kawżi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu, jonqos li jidher, il-kawża tista' tiġi maqtugħa skont il-liġi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegħ ta' dik ix-xhieda li l-Qorti tista' tqis li tkun meħtieġa, għad li huwa ma jkunx deher".

Illi ġialadarba l-konvenuti in kwistjoni ġew debitament notifikati skont il-liġi bil-proċeduri odjerni u huma ma ppreżentaw l-ebda Risposta Maħlufa u la huma u lanqas l-avukat tagħhom ma dehru l-Qorti għall-kawża odjerna, għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża in eżami skont il-liġi fir-rigward ta' dawn il-konvenuti u dan a bażi tal-atti ppreżentati u x-xhieda, skont il-każ, prodotti mis-soċjeta' attriċi *ai termini* ta' Artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi jingħad is-segwenti:

- *ai termini* ta' żewġ kuntratti magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius datati 1 ta' Ġunju 2007 (Dok. "A" u "B" – *a fol.* 6 *et seq.*)) u f'żewġ skritturi privati datati 14 ta' Diċembru 2006 (Dok. "Ċ" u "D" – *a fol.* 27 *et seq.*), is-soċjeta' attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lis-soċjeta' konvenuta K & L Attard Company Limited;

- is-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' €751,795.14 bilanċ għad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-soċjeta' konvenuta K & L Attard Company Limited mal-istess soċjeta' attriċi flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Lulju 2021 sad-data tal-ħlas effettiv;

- bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti Dok. "A" u "B" hawn fuq imsemmija u f'skrittura privata Dok. "Ċ" hawn fuq imsemmija, il-konvenuta Doris Attard iggarantiet flimkien u *in solidum* mas-soċjeta' konvenuta K & L Attard Company Limited a favur tas-soċjeta' attriċi d-debiti tal-istess soċjeta' konvenuta mas-soċjeta' attriċi;

- bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti Dok. "A" u "B" hawn fuq imsemmija u f'skrittura privata Dok. "D" hawn fuq imsemmija, il-konvenut Keith Attard iggarantixxa flimkien u *in solidum* mas-soċjeta' konvenuta K & L Attard Company Limited a favur tas-soċjeta' attriċi d-debiti tal-istess soċjeta' konvenuta mas-soċjeta' attriċi;

- bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti Dok. "A" u "B" hawn fuq imsemmija u f'skrittura privata Dok. "Ċ" hawn fuq imsemmija, il-konvenuti Doris Attard u Keith Attard bħala eredi tal-mejjet Carmelo Attard iggarantew flimkien u *in solidum* mas-soċjeta' konvenuta K & L Attard Company Limited a favur tas-soċjeta' attriċi d-debiti tal-istess soċjeta' konvenuta mas-soċjeta' attriċi;

- seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi hawn fuq imsemmija (Dok. "A" sa Dok. "D" – *a fol.* 6 *et seq*.), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

    - naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi,

    - kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi msemmija u/jew

    - hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

Illi fl-istess Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi jingħad li minkejja li l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittri uffiċjali sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenuti baqgħu inadampjenti u li għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, xehdet **Dorianne Tanti** in rappreżentanza tal-bank attur fejn ikkonfermat li l-bilanċ li jsir

riferenza għalih fir-Rikors Maħluf tal-bank attur għadu kollu dovut u li l-imgħax fuq il-bilanċ jiddekorri ġurnata b'ġurnata sal-ħlas effettiv. Tixhed li għajr l-ammissjoni tal-konvenuta Doris Attard, il-bank attur ma rċieva xejn aktar.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-konvenuti in kwistjoni, inkluż id-dokumenti eżebiti u dak li kkonfermat bil-ġurament Dorianne Tanti fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2022, il-Qorti jirriżultalha li ġie sodisfaċentement pruvat dak li jingħad mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha u b'hekk isegwi li l-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tan-Nota ta' Ammissjoni ppreżentata minn Doris Attard u ta' dak li ngħad fir-rigward tal-konvenuti l-oħra, il-Qorti ser tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi Bank of Valletta p.l.c. hekk kif dedotta fir-Rikors Maħluf tagħha;

(2) Tilqa' t-tieni (2) talba tas-soċjeta' attriċi Bank of Valletta p.l.c. u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' seba' mija u wieħed u ħamsin elf, seba' mija u ħamsa u disgħin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€751,795.14) dovuta kif fuq spjegat.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri u l-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Bank of Valletta p.l.c. sad-data tal-ħlas finali

jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**